# LECTIO DIVINA

# IT-TIENI ĦADD TAL-AVVENT (B)

## Mt 1,1-8

**Il-bidu tal-Evanġelju**

L-ewwel kelma tal-Vanġelu skont San Mark hija «ἀρχή» li tfakkar fil-*bidu* tal-ħolqien, fil-bidu ta' kulma hu (cfr *Ġw* 1,1), f'Dak li hu l-«Bidu u t-Tmiem» (*Apok* 22,13). Il-bniedem jaf il-*bidu* tiegħu f'Dak li «Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm» (*Kol* 1,17). Fil-*bidu* hemm «εὐαγγέλιον», *bxara tajba* li għandha bħala pedament il-ħajja ta' Ġesù Kristu mill-magħmudija ta' Ġwanni sal-mewt fuq il-Kalvarju u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Mark hu l-ewwel awtur li japplika t-terminu «evanġelju» għal ktieb sħiħ. Fit-Testment il-Qadim, dan it-terminu jiġi użat għal dik il-bxara hienja «ta' min ixandar is-sliem, ta' min iħabbar ir-riżq, ta' min ixandar is-salvazzjoni» (*Is* 52,7). Din il-«bxara tajba» mħabbra minn qabel (cfr *Is* 61,1) isseħħ fil-milja taż-żminijiet bil-wasla tal-Messija (cfr *Lq* 4, 16-21). Il-*bidu* tal-ħajja Nisranija jinsab fil-laqgħa tal-bniedem mal-Persuna ta' Ġesù Kristu li "tagħti lill-ħajja orizzont ġdid u direzzjoni deċisiva" (BENEDITTU XVI, *Deus caritas est*, 1); dak Ġesù li miegħu "dejjem jitwieled u jerġa' jitwieled mill-ġdid il-ferħ" (FRANĠISKU, *Evangelii gaudium*, 1). Dan għaliex Kristu jxandar «il-Vanġelu ta' Alla» u bil-miġja tiegħu tasal is-«saltna ta' Alla» (*Mk* 1,14-15) li ttemm l-eżilju ta' dawk li kienu kkalzrati «f'art u dell il-mewt» (*Mt* 1,16).

**ta' Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla.**

It-titlu ta' «Χριστός» ifisser «il-Midluk». Hu terminu ekwivalenti għal dak ta' «Messija» (cfr *Ġw* 1,41): Ġesù ta' Nazaret mhuwiex profeta kwalunkwe imma huwa *marbut b'mod partikulari ma' Alla*, għandu *relazzjoni profonda miegħu*. L-evanġelista jirreferi għal Ġesù wkoll bit-titlu tal-«Iben ta' Alla» - din hi l-istqarrija li ser jagħmel iċ-ċenturjun pagan lejn tmiem il-vanġelu quddiem Ġesù mejjet (cfr *Mk* 15,39). Matul il-vanġelu tiegħu, San Mark juri dejjem aktar kif għandha tiġi mifhuma u mxandra l-verità prinċipali tal-fidi tagħna: Ġesù

huwa l-Iben ta' Alla. Il-Vanġelu hu tabilħaqq *bxara hienja*: Alla kellimna «permezz ta' Ibnu» (*Lhud* 1,1-2), li permezz tal-passjoni, mewt u qawmien tiegħu mill-imwiet hu feda n-natura umana sabiex aħna wkoll bħala *ħutu* nsiru *ulied*: "Din hija tabilħaqq ir-rivelazzjoni Nisranija daqstant skonvolġenti: l-Iben ta' Alla niżel sal-aħħar grad tal-miżerja tagħna u minħabba f'hekk ġie mgħolli fin-natura umana tiegħu għall-ogħla grad tal-glorja divina. Il-glorja ta' Kristu mhijiex il-glorja tal-ambizzjuż li jkun sodisfatt bil-kisbiet tiegħu, lanqas hija l-glorja ta' xi gwerrier li rebaħ l-għedewwa tiegħu bil-qawwa tal-armi, imma hija l-glorja tal-imħabba, il-glorja ta' minn ħabb għall-aħħar, ta' min reġa' waqqaf l-għaqda bejnna l-midinbin u l-Missier tiegħu." (Albert Vanhoye, *Accogliamo Cristo nostro sommo sacerdote*, 28)

**Bħalma hu miktub fil-ktieb ta' Isaija l-profeta: «Ara, jien nibgħat qablek il-ħabbar tiegħi biex iħejji triqtek. Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu.» Hekk Ġwanni deher jgħammed fid-deżert u jxandar il-magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet.**

Kienet użanza li l-miġja ta' xi ħadd importanti tiġi mħabbra permezz ta' messaġġier li jimxi qabel – *prekursur* – sabiex fil-postijiet fejn kien ser jieqaf isiru t-tħejjijiet meħtieġa sabiex jiġi milqugħ. Kif juri l-evanġelista, il-profeti (cfr *Mal* 3,1; *Is* 40,3) kienu ħabbru li l-wasla tal-Messija kellha titħabbar minn prekursur. Bil-predikazzjoni tal-Battista, dawn il-profeziji mimlija tama kienu qed iseħħu: fl-aħħar il-poplu kellu mill-ġdid profeta; fl-aħħar kien qed jixxandar intervent ġdid ta' Alla fl-istorja tad-dinja.

Il-post fejn il-bxara tiġi *mgħajjta* huwa d-deżert, post aħrax fejn il-ħajja hija nieqsa. Il-Vanġelu ta' Mark infatti jibda fid-*deżert* u jispiċċa ħdejn il-*qabar* (cfr 15,44-16,9): żewġ postijiet li huwa l-imkejjen tad-dlam, li fihom jgħammru x-xjaten (cfr *Mk* 5,1-20). Il-bxara tas-salvazzjoni tasal propju hemm fejn jaħkem ix-xitan sabiex il-bniedem jiġi mifdi mill-«Mulej», hekk li d-deżert tan-nixfa jsir il-post fejn Alla jkellem il-qalb tal-bniedem (cfr *Ħos* 2,16), u l-qabar is-sinjal tar-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt u d-dnub (cfr *Mk* 16,6). Permezz ta' Ġesù, fejn hemm il-mewt, kapaċi titnissel ħajja ġdida. Din għandna tkun konvinżjoni soda f'qalb id-dixxiplu li hu msejjaħ biex ikun *ħabbar* li *jgħajjat il-bxara t-tajba* fil-kuntest ta' "deżertifikazzjoni spiritwali" li fih jinsab il-bniedem tal-lum: "Fid-deżert nerġgħu niskopru l-valur ta' x'inhu essenzjali għall-ħajja; għalhekk fid-dinja tal-lum għandna għadd kbir ta' sinjali, spiss espressi impliċitament jew negattivament, ta' l-għatx għal Alla, għat-tifsira aħħarija tal-ħajja. U fid-deżert hemm bżonn ta' nies ta' fidi li b'ħajjithom stess juru liema

hija t-triq lejn l-Art Imwiegħda u jżommu ħajja t-tama. Il-fidi ħajja tiftaħ lill-qalb għall-grazzja ta' Alla li teħlisna mill-pessimiżmu. Il-lum, iktar minn qatt qabel, li tevanġelizza jfisser tagħti xhieda għall-ħajja l-ġdida, ittrasformata minn Alla, u għalhekk li turi t-triq." (BENEDITTU XVI, *Omelija*, 11 t'Ottubru 2011).

Fis-silta mill-Profeti, l-evanġelista Mark jurina min huwa l-*messaġġier*: huwa l-*mibgħut* b'*inizjattiva* ta' Alla («jien nibgħat...»); huwa dak li *jħejji* t-triq («biex iħejji triqtek»); huwa dak li jsejjaħ għall-*konverżjoni* («iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu»). F'moħħ u qalb il-messaġġier trid tibqa' ċara li hu *leħen*, mentri Kristu hu l-Kelma bla tmiem (ara Santu WISTIN, *Sermo* 293); hu jista' jsejjaħ għall-konverżjoni, imma huwa Alla, bis-setgħa tal-Ispirtu tiegħu, li jbiddel il-qlub (cfr v.8).

**U kienet tmur għandu l-Lhudija kollha u n-nies kollha ta' Ġerusalemm, jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan waqt li jistqarru dnubiethom. Ġwanni kien jilbes libsa xagħar tal-ġemel, bi ħżiem tal-ġild madwar qaddu, u kien jiekol ġradijiet u għasel selvaġġ.**

L-evanġelista juri li l-Battista huwa l-*profeta Elija* li kien mistenni. Ġwanni jilbes «libsa xagħar tal-ġemel» kif Elija kien «raġel liebes mantar tax-xagħar, u mħażżem bi ħżiem tal-ġild ma' qaddu» (*2 Slat* 1,8). Ġwanni huwa dak li kellu jiġi qabel il-Messija sabiex «idawwar qalb il-missirijiet lejn uliedhom u qalb l-ulied lejn missirijiethom» biex jeħilsu mill-qerda ta' Jum il-Mulej (*Mal* 3,24). Il-magħmudija tal-Battista kienet għal kollox differenti mir-ritwali reliġjużi ta' purifikazzjoni li kienu diġà jeżistu: issir darba, tesiġi impenn konkret biex wieħed jibdel ħajtu b'mod ġdid u deċiżiv, u ssejjaħ lil bniedem għal mod ġdid ta' kif jaħseb u jgħix.

Għaldaqstant, il-missjoni tal-preskursur hija ndirizzata lejn il-*konverżjoni* («jistqarru dnubiethom» «idawwar») *tal-qalb* hekk kif toqrob il-wasla tat-turija tal-Qalb kollha ħniena u tjieba ta' Alla. Din l-indiema titlob li *toħroġ* (v. 5 «ἐξομολογέω» *titlaq, timxi 'l quddiem*...), tqum u timxi sabiex tistqarr dnubietek.

**U kien ixandar u jgħid: «Ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu. Jien għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu.»**

Kien hemm min kien jaħseb – anki fi żmien meta qed jikteb Mark – li l-Battista kien il-Messija (cfr *Atti* 19,1-3). B'sinċerità, il-preskursur jistqarr li ġej min hu «aqwa» minnu li jgħammed «bl-Ispirtu s-Santu». Biex juri li mhuwiex hu l-għajn tal-ħajja, il-Battista jagħmel referenza

għat-*tħollija tal-qfieli tal-qorq*. Il-kuntest huwa dak tal-liġi tal-*levirjat* li kienet tgħid li meta mara tibqa' armla u mingħajr tfal, ħu r-raġel mejjet – il-kunjat, il-«*levir*» – kien obbligat jeħodha għandu u jagħti wild lil ħuh. Meta, għal xi raġuni jew oħra, il-kunjat kien jirrifjuta, allura dak li kellu d-dritt warajh, kien jagħmel iċ-*ċerimonja tat-tneżżigħ tal-qorq (skalzament)*, fejn kien jiġi maħlul il-qorq tar-raġel li kellu jagħti wild lill-armla, kien jibżoqlu f'wiċċu, b'sinjal li d-dritt li jagħti wild minn din il-mara kien qed jgħaddi għandu. Kienet ċerimonja tal-mistħija u umiljanti (cfr *Dt* 25; *Rut* 4). Ġwanni l-Battista, għalhekk, juri lil dawk li hemm madwaru li mhuwiex hu li ser jagħti l-ħajja lill-"armla" Iżrael li minħabba l-infedeltà tagħha lejn l-Għarus tagħha l-Mulej, sefgħet bla ulied. Huwa Dak li għandu jiġi, li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu, li ser itemm in-niket tal-isterili hekk li tkun tista' *tinfexx tgħanni u tgħajjat bil-ferħ* (cfr *Is* 54,1).

Għar-riflessjoni

Ġwanni kien qed iħejji t-toroq tal-ħniena u tal-verità, tal-fidi u tal-ġustizzja; fuqhom jixhed anki Ġeremija: *Ibqgħu fil-mogħdijiet tal-Mulej, ħarsu t-toroq ta' Alla li jibqa' għal dejjem u araw liema hi t-triq tal-Mulej u imxu fiha* (Ġer 6,16). Minħabba li s-saltna tas-smewwiet hi magħmula minn dawn it-toroq, għandu raġun Ġwanni meta jżid: *Infatti s-saltna tas-smewwiet hi fil-qrib* (*Mt* 3,2). Trid għalhekk li s-saltna tas-smewwiet tersaq anki lejk? Ħejji dawn it-toroq f'qalbek, fis-sentimenti tiegħek, ġewwa fik. Wessa' fik it-triq tat-tjubija, it-triq tal-fidi, it-triq tal-qdusija. Ħaffef il-mixja tal-ġustizzja, neħħi minn qalbek kull ostaklu li ġej mill-mibegħda, bħalma hu miktub: *Neħħu l-ġebel mit-triq* (Ġer 50,26). U mbagħad ir-re, Kristu, li lilu tifħir u glorja għal dejjem ta' dejjem, qisu bħal minn mogħdija, jidħol fil-ħsibijiet ta' qalbek u fil-ġewwieni ta' ruħek.

Cromazio di Aquileia, *Commento a Matteo* 8.